MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru. 22/2004

**Drogi 22/04**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Josef Farrugia**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kjontra Josef Farrugia ta' 23 sena, iben Anthony u Mary nee Cilia, imwieled il-Pieta' fid-19 ta' Marzu, 1980 u residenti fil-fond numru 5 Garden Street Santa Lucia u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 168580(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Diċembru 2001 u matul l-aħħar xhur qabel din d-data

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

ċ) ukoll tali sar reċidiv b'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fit-23 ta' Frar 1999 u fis-7 ta' Mejju 1999 (Maġistrat illum Imħallef Dr.Noel Cuschieri)

d) ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġistrat Dr.J Padovani Grima) fl-4 t'Ottubru 2000.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2002, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1685 tal-1980, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat, il-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Neil Harrison versus Sean Fenech) u r-relazzjoni tal-espert s-sur Godwin Sammut (fol.70).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

4. Skond il-fatti kif esposti mis-Supretendent Neil Harrison, nhar it-30 ta' Diċembru 2001, il-Pulizija kienu sabu lill-imputat fuq il-bejt ta' blokk ġewwa Santa Lucija qed jinjetta ruħu bl-eroina. Dan kien ikkonfermat bix-xhieda ta' l-Ispettur Chris Pullicino a fol.83. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat kien qal biss li l-laqam tiegħu huwa l-Pepsi u ma wieġeb għall-ebda domanda oħra. Ċertu Sean Fenech kien semma lill-imputat bħal l-persuna li kienet tfornieh bl-eroina.

5. Mill-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Neil Harrison) versus Sean Fenech' jirriżulta li dan Sean Fenech kien irralixxja stqarrija lill-Pulizija li ma kenitx ikkonfermata minn dan Sean Fenech la quddiem xi Maġistrat Inkwirenti u lanqas quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li ddeċidiet il-każ tiegħu. Għaldaqstant dik l-istqarrija ma tistax titqies bħala prova kontra Josef Farrugia minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 661 tal-Kap 9. Iżda tista' tintuża bħala mezz ta' kontroll ta' dak li xehed Sean Fenech.

6. Sean Fenech xehed fil-11 ta’ Jannar 2005 u qal li f’Diċembru 2001 huwa kellu problemi tad-droga. Huwa kien jieħu d-droga eroina u kien jieħu pakkett tal-Lm10. Huwa kien jaf lill-imputat u li kellu l-laqam ‘Pepsi.’ Ix-xhud kien ikun mal-imputat. Fil-bixu xehed li l-eroina dejjem waħdu ħadha. Imbagħad xehed li jekk qatt ħa d-droga ma’ ħadd ieħor dawn ma kinux hawn. F’dan il-punt il-Prosekuzzjoni rreferiet għal dak li kien stqarr ix-xhud. A fol.45 meta nqratlu din is-silta:

‘M.Ġieli użajt eroina magħhom? T.Ma’ Josef iva imam ma’ l-ieħor, jiġifieri ma’ Charlo le. Vera din?’

ix-xhud wieġeb:

‘Jista’ jkun. Iva naħseb.’

Meta nġibditlu l-attenzjoni li meta kien fuq il-pedana tax-xhieda kien innega dan, huwa qal li kien għadda ż-żmein (fol.45 lejn l-aħħar tal-fol).

Imbagħad ikkonferma wkoll

(i) li kien qal li l-aħħar li kien ħa ma’ Josef farrugia kien xi ġimagħtejn qabel u

(ii) li kien l-imputat li ma iġib id-droga

(iii) li dan sar aktar minn darba (fol. 46 u 47) - ‘Forsi dan l-aħħar xahar jew ta’ qablu kważi dejjem miegħu qsamt l-eroina.’ U ‘Ma nafx li ħadt iktar forsi jien naf darbtejn l-aktar.’ (Fol.48)

A fol.50, ix-xhud qal:

‘Sa fejn naf jien qatt ma xtrajt minn għandu.’ U

‘Imma qed ngħidlek meta ħadna, qatt ma mort tajtu l-flus u ġabli.’

U għall-mistoqsija;

’Meta inti ġielei ħadt inti, ġeili ġablek id-dorga hu?’

‘Iva’

A fol.51, ix-xhud qal li din ġrat darba.

Fl-istess fol, ix-xhud qal:

‘Ġieli ġibna imam ma nafx li ġieli xtrajt.’

Il-Prosekuzzjoni hawn staqsiet:

‘Ġieli ġablek b’xejn jiġifieri?’

U x-xhud wieġeb:

***‘Mhux ġabli b’xejn jiġifieri. Ħriġna l-flus.’***

***Prosekuzzjoni: ‘Kien imur iġibha hu?’***

***Xhud: ‘Iva.’***

***A fol.52 saret mistoqsija mill-Qorti:***

***‘Ġieli xtrajt minn għand Josef?’***

***Xhud: Iva.***

***A fol.52 ix-xhud ikkonferma li jaħseb li kien xtara d-droga eroina minn għand l-imputat f’Diċembru 2001 u li kien iħallas Lm10 jew Lm8. U reġa’ qal lli forsi xtara darbtejn. (Fol.53)***

**Prova Forensika**

7. Is-Sur Godwin Sammut, l-espert analista ikkonferma r-relazzjoni tiegħu li mis-siringa elevate mill-Pulizija fil-preżenza tal-imputat (fol.72) instabet is-sustanza 6-monoacetylmorphine. Din is-sustanza tiġi mill-eroina li hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-

Kap 101. (Kien hemm ukoll il-codeine li hiaj kkontollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda tat-Taqsima II tal-Kap 101.).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

8. Mill-provi jirriżulta li f'Diċembru 2001 l-imputat kien biegħ jew xtara u ta l-eroina lil Sean Fenech, wara li dan ta' l-aħħar kien ħareġ il-flus u għaddiehom lill-imputat. Il-Qorti qed terreferi għas-siltiet li jidhru aktar 'il fuq li juru li l-imputat kien biegħ jew xtara bi flus Sean Fenech għal aktar minn darba. Ukoll jekk Sean Fenech evassiv ħafna fil-bidu tax-xhieda tiegħu, fl-aħħar beda jghid il-verita' meta ra li kellu dahru mal-ħajt. Jirriżulta b'mod l-aktar ċar li kienu għaddew il-flus bejn ix-xhud Sean Fenehc u l-imputat u li dan sar sabiex tinxtara d-droga eroina. Fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-każ 'Il-Pulizija versus Marco Galea' il-Qorti ma tistax tqis dan bħala każ ta' sharing. Għaldaqstang il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

9. Dwar it-tieni imputazzjoni din tinsab ampjament ippruvata kemm forensikament kif ukoll bix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Chris Pullicino. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni. Ma jidhrix li din għandha tkun assorbita fl-ewwel waħda għaliex jirriżulta mill-provi li l-pussess tal-eroina kien stabbilit meta l-imputat kien waħdu u għalhekk f'okkażjoni għaliha minn dawk ta' meta forna d-dorga eroina lix-xhud imsemmi.

10. It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet ma kinux ippruvati minħabba li l-fedina penali weħidha ma tagħmilx prova tal-imputazzjonijet u ma jirriżultax li d-difiża eżentat lill-Proekuzzjoni milli ttella' d-dokumenti relevanti. Għaldaqstant il-Qorit qed tillibera lill-imputat minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

11. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49,u50 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-Avviż

Legali 292/1939 u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446, issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u qed tilliberah mit-tielet u r-raba' imputazzjoni.

12. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat għandu fedina penali xejn nadifa u mhux l-ewwel darba li nqabad fil-pussess tad-droga . Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' disa' xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €590 liema multa tista' titħallas bir-rata ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallsx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, il-parti mhix imħallas għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euros li ma jitħallsux.

13. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkunadanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-perit maħtur li jammonta għal €155.37 (Lm66.67).

14. Il-Qorti qed torna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------